*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 44 – 15 ta’ Marzu 2022**

***Minuti tal-erbgħa u erbgħin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar fil-15 ta’ Frar Marzu fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ iltaqa’ l-Kunsill Lokali fis-sitta ta’ filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 44. Il-laqgħa bdiet fis-6:20pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| **Assenti b’Apoloġija:** | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **George Cortis** | Kunsillier |

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

**44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**Il-Kunsill ma kienx avzat li l-Kunsillier George Cortis ma kienx ser jattendi. Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri qal li s-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea kien ser jasal tard, filwaqt li l-Kunsilliera Philip E. Zammit u Patrick Bonnici kienu ser jattendu tard ukoll.**

**44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

**Il-Minuti tal-laqgħa ta' Frar kienu approvati unanimament.**

**44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**Il-Viċi Sindku Mark Camilleri nforma lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier David Battistino għamlu laqgħa dwar il-ġemelaġġ f'għeluq il-25 sena anniversarju. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna il-każini tal-baned. Dwar il-kompetizzjoni li kien hemm għal-logo f'għeluq il-25 sena anniversarju mill-ġemelaġġ m'Aġira, il-Viċi-Sindku Mark**

**Camilleri informa lill-Kunsill li din intrebħet minn 12th Media. Il-Viċi-Sindku kompla jgħid li dakinhar tal-festa, għandha ssir ċerimonja.**

**Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier David Battistino nfurmah li s-sena d-dieħla f'egħluq il-500 sena mill-Pelegrinaġġ ta' San Girgor, ser issir Universal Peace Walk. Meta r-rotta tkun mħabbra għandhom isiru sinjali bl-emblemi tal-Kunsill Lokali sabiex infakkru dan.**

**Dwar il-Community Police, il-Viċi-Sindku Mark Camilleri qal li saret laqgħa mal-Pulizija dwar il-Community Police. Waqt id-diskussjonijiet ħareġ li l-Community Police aktarx ser jiffunzjonaw minn Ġunju 'l quddiem. Bħala bażi jista jagħti l-każ li għal bidu sakemm ma titranġa l-bażi tagħhom Ħaż-Żebbuġ, l-uffiċju tagħhom ikun is-Siġġiewi imma jkunu jaħdmu b'mod normali minn Ħaż-Żebbuġ.**

**44.4 Tismija ta' Sqaq fi Triq Tar-Remel**

**Wara diskussjoni qasira, kien maqbul li din it-triq f'Tar-Remel, tingħata l-isem kif diga hija magħrufa bħala Sqaq Nru 1 Triq tar-Remel.**

**44.5 Xiri ta' Power W asher**

**Wara li kienu preżentati l-offerti għall-power washers, kien deċiż li l-offerta PTR Machinery għall-valur ta' Eur1100 hija l-aktar waħda favorevoli.**

**44.6 Xiri ta' Bankijiet fi Vjal il-Helsien**

**Kien maqbul unanimament li jinxtraw erba' bankijiet għall-Vjal il-Ħelsien għall-ammont ta' Eur200 Vat esk. il-wieħed mingħand Anton Zarb.**

**44.7 Sejħa għall-Offerti – Tindif tal-Latrina, Librerija u Ufficju tal-Kunsill**

**Inħarġet Sejħa għat-tindif tal-Latrina, Librerija u Uffiċċju tal-Kunsill għall-perjodu ta' sitt xhur li jibdew mill-1 ta' April 2022. Daħlu erba' offerti:**

**Marcel Sciriha – ammont fil-kaxxa ma kienx indikat – barra mill-kaxxa kien hemm l-ammont ta' Eur7.00**

**Yanica Xuereb – Eur3,050.88**

**Rita Xuereb – Eur3,559.38**

**Leo Ciappara – Eur3,360**

**Wara li kien hemm diskussjoni, kien deċiż li l-offerta ta Marcel Schiriha ma hiex waħda valida, minħabba li l-prezz mitfugħ huwa żgħir wisq. Il-Viċi Sindku Mark Camilleri sekondat mill-Kunsillier David Battistini ppropona li għandha tintagħżel l-irħas offerta li f'dan il-każ hi ta' Yanica Xuereb għall-ammont ta Eur3,050.88.**

**Dawk Favur: Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri, l-Kunsilliera David Battistino, Kevin Glynn, Clive Azzopardi**

**Dawk Kontra: Il-Kunsilliera Steve Zammit Lupi**

**Astensjonijiet: Il-Kunsillier Patrick Bonnici**

**44.8 Vot Tal-Flus**

**Wara diskussjoni, fuq proposta tal-Viċi-Sindku Mark Camilleri sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi, il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li l-vot tal-flus jkun approvat kif preżentat.**

**44.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**Il-laqgħa tal-Kunsill kienet aġġornata sine die.**

**Dr. Malcolm P. Galea** — **Sindku**

**Paula M. Valletta** — **Segretarju Eżekuttiv**